MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Numru. 270/2000
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**Monique Borg**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Monique (Monica) Borg ta’ 24 sena bin il-mejjet Joseph u Saverina nee Borg imwielda Pieta’ fit-13 ta’ Diċembru 1975 u residenti 63 Flat 4 West Street Valletta ID 6076 (M)

Akkużata talli:

a) F’dawn il-Gżejjer fl-20 ta’ Marzu, 2000 matul din l-aħħar sena, kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċiapli tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kenitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess tagħha dina d-droga u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

b) U aktar talli fl-istess data u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta cannabis u xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur ta' l-artikoli 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tat-3 ta'Novembru 2000, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputata bin-numru 60 tas-sena 1976, il-fedina penali tagħha, ir-rapport ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud, l-istqarrija tagħha tal-21 ta' Marzu, 2000 (fejn ma wieġbet għall-ebda mistoqsija ħlief waħda dwar ir-reġistrazzjoni tal-karozza fol.33), ir-relazzjoni ta' l-espert PS 282 Pierre Grech (fol.35), il-proċes-verbal redatt mill-Maġistrat Dott. Joseph Apap Bologna intitolat 'Sejba aktarx ta' reżina tal-cannabis f'63 Flat 4 West Street Valletta u żewġ cash boxes kontenenti borża żgħira b'sustanza suspettuża bħala kokaina u oġġetti relatati mad-droga skond rapporti tal-Pulizija', il-konferma ta' l-esperti nominate fl-inkjesta mill-Maġistrat Dr.Noel Cuschieri, id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża a fol 74 li m'hemmx għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu reġistrati quddiem dina l-Qorti diversament preseduta, is-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Sandro GAtt) versus Ivan Galea' tat-13 ta'

Settembru 2001 kif ukoll s-sentenza ‘Il-Pulizija (Spettur Sandro Gatt) versus Ludvic Bugeja tas-17 ta’ Lulju 2001, in-Nota ppreżentata mill-Ispettur Dennis Theuma kif ukoll in-Nota ta’ sottomissjonijiet ippreżentata mill-imputata (fol.124).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Rat in-Noti li ttrattaw il-każ.

Ikkonsidrat

5. Skond ix-xhieda ta’ l-Ispettur Sandro Gatt, kienet saret tfittxija fir-residenza ta’ l-imputata u fil-preżenza tagħha, wara awtorizzazzjoni mill-Maġistrat Dr.Apapa Bologna, kienet ġiet sgassata kaxxa li fiha nstabet borża tal-plastik li fiha kien hemm borża tal-plastik oħra bi trab suspettat kokaina. Instabu wkoll sittax-il qartas bi trab suspettat kokaina u biċċa żgħira raża tal-cannabis li kienet imgewżra f’foil u nstabet ukoll biċċa oħra tal-cannabis li kienet imkebba wkoll fil-foil. Fil-kontro-eżami, l-Ispettur ikkonferma li kienhemm nies oħra fil-post.

6. Xehed PS 282 Pierre Grech li kien maħtur mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Noel Cuschieri sabiex jagħmel eżami għall-impronti diġitali iżda r-riżultat kien li kienet żviluppata impronta waħda nieqsa mill-punti karatteristiċi. (fol.38).

7. Xehed PC 1491 Gino Demanuele li kkonferma li l-oġġett esibit (il-kaxxa) u dawk li kien hemm fir-ritratti kienu dak li sabu waqt it-tfittxija. (fol 44). Huwa kkonfrma li kien hemm żewġ persuni oħra fir-residenza ta’ l-imputata dak in-nhar tat-tfittxija. Huma ma kinux qed jgħixu hemm iżda dak in-nhar kienu raqdu għand l-imputata.

8. Xehdet ukoll WPC 146 Joanne Scicluna li għarfet il-kaxxa fejn kienet instabet l-allegata droga u li din kienet infetħet quddiem l-imputata b’ordni tal-Maġistrat Inkwirenti. Kien hemm żewġ persuni fil-flat li kienu qed jorqdu hemm. (fol.53). Ix-xhud qal li l-imputata kienet

qaltlu li l-affarijiet li kien hemm fil-kamra tas-sodda kienu tagħha. (Ara fol.53).

9. Xehdu wkoll PC 1184 Patrick Grech u PC 239 Joseph Caruana li kienu mqabbdin bħala esperti tal-fotografija fil-mori ta’ l-inkjesta u kkonfermaw ir-relazzjoni tagħhom.

10. Sad-data tat-2 ta’ Marzu, 2001, jidher li l-espert analista kien għadu ma ppreżentax ir-relazzjoni tiegħu. (Ara fol.2 tal-Proces-Verbal l-aħħar paragrafu).

**11. Mill-atti tal-process jirriżulta li hemm ir-relazzjoni ta’ l-Ispiżjar Mario Mifsud (ara fol.7) li kienet ippreżentata fit-8 ta’ Marzu 2001. Mill-Prime Note jidher li huwa ‘xehed’ iżda fil-proċess m’hemmx record ta’ dak li xehed. Barra dan, a fol.24 tal-proċess, fid-data li skond il-prime note xehed l-espert, jiġifieri 18 t’April, 2001, l-imputata ma dehritx.**

12. Minn din ir-relazzjoni jirriżulta li kienu nstabu 3 pakketti (4.356 grammi) THC (fol.13) u 17 il-pakkett li kienu jammontaw għal 3.493 grammi kokaina.(fol.13 u 14). (Ara n-Nota fil-paragrafu 11. Mill-atti ma jidhirx li dina kienet kkonfermata bil-ġurament.)

13. Xehed ukoll PS-1579 Johan Mifsud li qal li kienet l-imputata li fetħet il-bieb tar-residenza tagħha. Ġewwa kien hemm ċertu Ludwig Bugeja u Ivan Galea. L-imputata ammettiet mill-ewwel li r-resin ġo biċċa foil misjuba fis-salott kienet tagħha (fol.65 u 66). Din kienet taħt l-oasis tal-qasrija. Fil-kamra tas-sodda elevaw kaxxa żgħira li kien fiha pakkett riżla paper. Fuq in-naħa tal-lemin kien hemm kaxxa oħra tal-flus **li l-imputata qalet li mhux tagħha. (Fol.66).** Dan ix-xhud spjega li l-persuni l-oħra kienu fil-post għax, skond ma qalet l-imputata, dawn raqdu hemm wara li raw video.

**Xhieda Difiża**

14. L-imputata qalet li kienet toqgħod weħidha. (Fol.79). Ftit ‘l isfel fl-istess paġina qalet li kienu jgħixu ħafna nies magħha. Hija semmiet lil Ludvic Bugeja, Ivan Galea u

Sandra Camenzuli. Dawn kollha kellhom iċ-ċwievet biex jidħlu fil-post. Meta kienet mistoqsija jekk kinitx taf li sabu xi drogi għandha hija wieġbet:

‘Naf ovvja.’

Hija qalet li din kienet koke u smoke. (fol.80).

15. Qalet ukoll li d-droga ma kenitx tagħha. Hi kienet taf li d-droga kienet ta’ Sandra Camenzuli. (Fol.80). A fol.81 l-imputata qalet li kienet taf li din Camenzuli kienet tieħu d-droga iżda ma kenitx taf li kienet qed iżżomm d-droga għandha. Hi ma kentix rat lil Sandra Camenzuli ddaħħalha fil-flat. Xehdet ukoll li ma kenitx taf x’kien fihom iż-żewġ boxes tal-metall. (fol.84). L-imputata kienet taf li Sandra Camenzuli qed tbiegħ id-droga koke (fol.85). Din ma kenitx tbiegħ mill-flat fejn kienet tgħix l-imputata.

16. Is-Supretendent Gatt ikkonferma li hu kien tella’ kemm lil Ivan Galea kif ukoll lil Ludvig Bugeja. Is-sentenzi kienu esibiti u jidhru d-dati ta’ meta ngħataw. Ludvig Bugeja kien liberat. A fol.90 dan ix-xhud qal li hu kien ressaq fuq pussess ta’ blokka tal-kannabis għax kien ammetta li xi tlitt ijiem qabel kien ħa ftit blokka tal-kannabis pero’ mhux kull jum. Huwa kien ilu jabbuża mid-droga kannabis xi tliet xhur minn meta ħareġ mill-ħabs.

17. Xehdet Saverina Borg, omm l-imputata, li qalet li bintha kienet tagħti ċ-ċavetta tal-bieb tad-dar lil xi nies.

## Noti ta’ l-Osservazzjonijiet

## Il-Prosekuzzjoni

18. Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li fil-kamra tas-sodda ta’ l-imputata nstabu żewġ money boxes u fil-ħadra nstabu sittax-il qartas bi trab abjad li rriżulta li kien droga kokaina u xi tliet biċċiet sustanza kannella li kienet raża tal-pajnta kannabis.

19. Id-difiża tikkontendi li kien hemm tnejn min-nies oħra reqdin fl-istess fond. Biss il-Pulizija daħlu ġewwa biċ-

ċavetta ta' l-imputata li ħarġithom mill-but tal-libsa li kienet liebsa. Hija wkoll kienet qalet li l-affarijiet fil-kamra kienu tagħha. (Ara fol.53). Jirriżulta wkoll li Bugeja u Galea kienu raqdu hemm dak il-lejl biss.

20. L-ammont misjub huwa sostanzjali. It-teżi tad-difiża li d-droga kienet ta' ħadd ieħor huma 'sempliċiment allegazzjonijiet bla bażi soda la ta' probabilita' u wisq anqas ta' provi materjali tanġibbli'

**Id-Difiża**

21. Id-difiża ssottomettiet li l-imputata ma tistax tinstab ħatja tar-reati miġjuba kontriha peress li ma teżisti enda prova xjentifika li s-sustanza meritu ta' din il-kawża huma fil-fatt kokaina u raża meħdua mill-pjanta cannabis.

22. Id-Difiża tikkontendi wkoll li r-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud kienet esibita 'in vacuo' għaliex mill-verbal tas-seduta ma jirriżultax li xehed l-imsemmi Spiżjar. Dan la xehed dak in-nhar u lanqas fi ġranet oħra.

23. Oltre dan, u bla preġudizzju għal din is-sottomissjoni, id-difiża ssottomettiet ukoll li l-provi mressqa ma jwasslux għal dik il-konvinzjoni morali li wieħed jirrikjedi fi proċess kriminali. Jidher li kien hemm nies oħra li kellhom aċċess għall-post. Jidher ukoll konflitt bejn dak li xehdet WPC 146 Scicluna li qalet li l-oġġetti fil-kamra tas-sodda huma tagħha u dak li xehed PC 1491 Gino Demanuele li qal li l-imputata qalet li l-kaxxa ma kenitx tagħha.

24. Id-Difiża ssottomettiet li t-teżi tagħha hija soda u mhix dik tal-Prosekuzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

25. L-ewwelnett jirriżulta bla ebda dubju li l-imputata ammettiet li l-biċċa resin ġo biċċa foil li nstabet fis-salott taħt l-oasis tal-qsari kienet tagħha. (Ara fol.65 u 66).

26. It-tieni punt huwa li l-imputata kienet taf x'qed tagħmel ċerta Sandra Camenzuli, li kienet tbiegħ koke u mhux

heroin u l-unika ħaġa li ma kenitx taf kienet li d-droga kienet fid-dar tagħha.

27. It-tielet punt huwa li tassew li dak in-nhar li saret it-tfittxija kien hemm xi nies fl-appartament iżda dawn kienu baqgħu reqdin hemm wara li raw video u m'hemmx xi prova li kienu jabitaw kontinwament jew ta' spiss fl-appartament ta' l-imputata.

28. Ir-raba' punt huwa l-għoti taċ-ċwievet lil nies differenti. Dwar dan xehdet omm l-imputata iżda din ma kkonvinċitx xejn lill-Qorti billi qalet li l-omm kienet toqgħod sular fuq bintha. Din ix-xhieda lanqas fuq bażi ta' probabilita' ma hi soddisfaċenti.

**Iż—Żewġ Sottomissjonijiet Ewlenin tad-Difiża**

29. Id-difiża ssottomettiet (a) li kien hemm nies oħra li kienu fil-flat u allura m'hemmx prova li d-droga kienet ta' l-imputata; u (b) li m'hemmx prova xjentifika li l-materja kienet droga.

Il-Qorti qed tqis dawn is-sottomissjonijiet seriatim. Il-Qorti ma tarax li l-ewwel sottomissjoni hija waħda assoluta u li awtomatikament teskludi r-responsabilita' ta' sid jew ta' l-inkwilin appartament. Kull każ irid ikun deċiż għal rasu. Dwar il-preżenza ta' nies oħra fl-istess dar, il-Qorti Ingliża qalet hekk f'dawn iż-żewġ każi.

Fil-każ 'R versus Lewis (G) 87 Cr.App.R 270 CA:

***'Police officers discovered amphetamine sulphate and cannabis resin during a search of a house in respect of which L was the sole tenant. L's case was that he rarely visited the house which was frequented by others. The drugs had been found in a cassette case hidden under some clothing. The appellant submitted that the minimum that had to be proved was knowledge of the existence of the cassette case. The court rejected this, holding that the following is an adequate direction (conforming to Warner): a***

***person is in possession of something when he has knowledge of its presence and some control over it; but he would not have possession unless he either knew or the circumstances were such that he had the opportunity, whether he availed himself of it or not to learn or to discover in a general way what the items were.’*** [1]

30. Fil-każ ‘R versus Peaston’ 69 Cr.App.R 203 CA,

***‘P occupied a ‘bed-sit’ in a building comprised entirely of such accommodation. An envelope containing a Class B drug arrived by post. It was placed with other letters for other people on the hall table. P had ordered the supplier to send the drug by post to his address. Held P was properly to be regarded as in possession of the envelope containing the drug when it arrived through the letter box. The fact that at the time of arrival P was, for example, out or asleep was immaterial - see R v Cavendish 45 Cr.App.R.374 at 378 CCA.’*** [2]

Il-Qorti ser tagħmel il-konklużjonijiet tagħha dwar dan il-punt aktar ‘l isfel.

**It-Tieni Sottomissjoni – Nuqqas ta’ prova xjentifika**

31..Id-difiża tikkontendi li m’hemmx il-prova xjentifika li l-materja kienet droga kokaina u cannabis. Dan għaliex, għalkemm fil-proċess hemm ir-relazzjoni ta’ l-Ispiżjar Mario Mifsud, u, għalkemm fil-prime note jidher li xehed, ix-xhieda tiegħu ma tidhirx fil-proċess.

32. Id-difiża qed issostni li tali prova xjentifika hija indispensabbli. Iżda fil-ġurisprudenza din l-asserzjoni mhix sorretta b’dan il-mod definittiv li d-difiża qed tgħid. Tant li tista’ ma tinstab ebda droga u xorta wieħed jista’ jinsab ħati kemm ta’ pussess jew addirittura ta’ traffikar.

[1] Archbold page 2270 edition 2003.
[2] Archbold page 2270 edition 2003.

33. Fil-fatt fil-każ deċiż fis-6 ta' Jannar 2004 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Sharon O'Neill' il-Qorti qalet hekk:

***'Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun ikun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddiehor) kien droga projbita mil-ligi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull kaz, biex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oggetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem iehor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raża tal-cannabis u l-"ecstasy", u mhux xi "oġġett" iehor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni. L-istess jista' jingħad ghad-depożizzjoni ta' xhud, wiehed jew aktar, fil-konfront tal-akkużat meta ma tinstabx droga.***

***Omissis***

***Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz'.***

34. Min-naħa l-oħra, fejn il-fatti kienu totalment xort'oħra, fil-każ fir-Renju Unit 'R versus Hill' 96 Cr.App.R 456 CA intqal hekk:

***'While scientific evidence was not required in every case to identify a drug, the prosecution must establish the identity of the drug that was the subject matter of the charge with sufficient certainty to achieve the standard of proof required in a criminal case. In the instant case, ( where the police had observed the exchange of a 'small dark object') the evidence was insufficient to establish that what had changed hands was cannabis resin. Semble, the conclusion might have been different had the charge***

***referred to 'cannabis or cannabis resin.' (See R versus Best 70 Cr.App.R.21).***[3]
'

35. Għalhekk it-teorija li l-prova xjentifika hija indispensabbli sabiex ikun hemm il-prova materjali mhix sorretta mill-każistika li ta' Malta u lanqas ta' barra. **Jekk ikun eskluż ir-rapport li għamel l-espert Mario Mifsud li ma kienx maħluf lanqas fl-istadju ta' l-investigazzjoni, il-Qorti trid tara jekk hemmx provi oħra fil-proċess li xorta jammontaw għall-prova ta' fiex kienet tikkonsisti s-sustanza.**

36. Mill-proċess jirriżulta li l-imputata ammettiet li dak li nstab fis-salott ħdejn l-oasis tal-qasrija kien tagħha (u fuq dan m' hemm ebda kontradizzjoni fil-proċess). Kienet taf ukoll li s-sustanza li l-Pulizija sabu fil-kamra tas-sodda kienet id-droga kokaina kif jidher mir-reazzjoni tagħha meta xehdet a fol.80. Hi xehdet li kienet taf x'qed tagħmel Sandra Camenzuli u liema droga kienet qed tbiegħ.

37. Min-naħa l-oħra, waqt it-tfittxija, hija kienet qalet li l-affarijiet li kienu fil-kamra tas-sodda kienu tagħha waqt li ma' Pulizija oħra hija nnegat li l-kaxxa l-ħadra li għaliha ma kienx hemm ċavetta kienet tagħha. Id-difiża hawn rat kontradizzjoni bejn ix-xhieda li ngħatat minn żewġ membri tal-Pulizija differenti. Il-Qorti ma tqisx din is-sottomissjoni bħala waħda korretta għaliex l-ewwelnett kull wieħed qed jixhed dak li kien irraportat lilu u t-tieni huwa ferm loġiku u possibbli li l-imputata tgħid li dak li kien hemm il-kamra tas-sodda kien tagħha meta kienet qed titkellem b'mod ġenerali u imbagħad ikkorreġiet ruħha meta tkellmet fuq il-kaxxa b'mod partikolari.

38. Il-Konklużjonijiet tal-Qorti f'dan il-każ huma s-segwenti:

(a) Il-preżenza ta' Ludwig Bugeja u Ivan Galea mhix biżżejjed biex tezonera lill-imputata mill-ħtija tal-pussess ta' droga. Dawn kienu pproċessati għal raġunijiet oħra,

[3] Archbold edition 2003 page 2259

wieħed minnhom kien liberat u t-tnejn li huma jidhru li kienu raqdu fil-flat wara li raw vidjo u m'hemmx prova li kienu qed jgħixu hem mil-ħin kollu. Għalhekk il-Qorti mhix torbot is-sejbien tad-droga kokaina mal-preżenza ta' dawn iż-żewġ imputati.

(b) Min-naħa l-oħra l-Qorti mhix tħossha moralment konvinta li d-droga li nstabet fil-kamra tas-sodda kienet ta' l-imputata. Qed tagħti l-benefiċċju tad-dubju lill-imputata u dan minħabba kif xehdet hi stess dwar il-preżenza tat-tielet persuna (barra t-tnejn msemmija fis-sub-paragrafu preċedenti, u, aktar minn hekk, minħabba dak li qal PC 1491 Gino Demanuele dwar in-negazzjoni immedjata min-naħa ta' l-imputata li l-kaxxa kienet tagħha. Huwa sinifikanti wkoll li meta l-imputata kellmet lil PS-1579 Johan Mifsud qaltlu wkoll li l-kaxxa ma kenitx tagħha. (Ara fol.66) Din in-negazzjoni ta' l-imputata tikkuntrasta ħafna ma' l-ammissjoni mill-ewwel tal-pussess ta' l-oġġett li kien fil-qasrija fis-salott. B'dan ma jfissirx li n-negazzjoni ta' pussess ta' oġġett jew il-preżenza ta' persuni oħrajn f'appartament jew dar jistgħu ikunu skużi komdi u perenni għal kull każ għaliex il-fattispeċji tal-każi jvarjaw minn wieħed għall-ieħor u kull darba l-Qorti jkollha tiżen iċ-ċirkostanzi kollha. Biss, f'dan il-każ, in-negazzjoni mmedjata ta' l-imputata dwar il-pussess tal-kaxxa jħalli dak 'in-nagging doubt' f'moħħ il-Qorti dwar ir-rabta ta' l-imputata mal-kokaina.

(ċ) Iżda min-naħa l-oħra l-Qorti qed torbot dak li nstab fil-qasrija fis-salott ma' l-imputata.

(d) Stante dak li kkonkludiet il-Qorti mhix issib lill-imputata ħatja la ta' l-ewwel imputazzjoni.

(e) Stante li skond dak li jidher a fol.65:

'U fis-salott waqt it-tfittxija sibna biċċa resin ġo biċċa foil li Monique Borg mill-ewwel ammettiet li kienet tagħha', il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja tat-tieni imputazzjoni.

(f) Il-Qorti qed teskludi kull prova ta' ammonti jew sustanza kimika li jinsabu fir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario

Mifsud minħabba r-raġunijiet li ngħataw fil-paragrafu 111 kif ukoll minħabba l-konklużjonijiet li jidhru fis-psub-aragrafi (b), u (ċ) ta' dan il-paragrafu.

**Konklużjoni.**

**39. Il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6 tal-Kap 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939 qed tillibera lill-imputata mill-ewwel imputazzjoni u qed issibha ħatja tat-tieni imputazzjoni. Stante li sa meta seħħ ir-reat l-imputata kellha fedina nadifa, flok tikkundannaha qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat fi żmien tmintax-il xahar mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 466 lill-imputata fi kliem sempliċi.**

**40. Mhix qed tapplika l-artikolu 533 minħabba li l-imputat kienet liberata mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll minħabba li din l-inkjesta seħħet qabel is-16 ta' Jannar 2006.**

**41. Qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------